



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

2013/0344(COD)

19.12.2013

EMENDI 21 - 111

**Abbozz ta' rapport
Peter Liese**
(PE522.946v01-00)

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, fid-dawl tal-implimentazzjoni sal-2020 ta' ftehim internazzjonali li japplika miżura globali unika bbażata fuq is-suq għal emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali

Proposta għal direttiva
(COM(2013)0722 – C7-0374/2013 – 2013/0344(COD))

Emenda 21
Bas Eickhout

Proposta għal direttiva

—

Proposta għal każda

Il-Parlament Ewropew jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta toħloq preċedent ħażin, li jagħmel ħsara lill-kredibbiltà tar-Regolament tal-UE fl-għajnejn tad-dinja esterna. Iddgħajjef ukoll il-prevedibbiltà għall-atturi tas-settur tal-avjazzjoni fuq is-suq u tmur kontra l-objettivi ta' regolamentazzjoni aħjar.

Emenda 22
Satu Hassi

Proposta għal direttiva
Premessa -1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) Hija evidenti minnha nnifisha li l-industrija tal-avjazzjoni għandha tirrispetta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni meta topera fit-territorju tagħha. Għandu jkun innutat ukoll li s-settur tal-avjazzjoni jibbenifika minn numru ta' sussidji fl-UE, jiġifieri eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud bid-differenza ta' servizzi tal-konsumatur oħra kif ukoll taxxi fuq il-ffjuwil. Is-settur jibbenefika wkoll minn regoli ġenerużi ħafna dwar l-Għajjnuna mill-Istat skont il-linji gwida tal-Komunità dwar l-iffinanzjar tal-ajruporti u l-għajjnuna tal-bidu lil-linji tal-ajru li jiġtilqu minn ajruporti reġjonali. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi dawn l-eżenzjonijiet u tinkludi t-taxxa fuq il-valur

miżjud fuq it-titjiriet intra-Ewropej u titjiriet mill-UE kollha sa fejn dawn huma meqjusa bħala konsum tal-UE. Il-Kummissjoni għandha wkoll terġa' tinnegozja l-Ftehimiet tas-Servizzi tal-Ajru kollha sabiex tiżgura li t-tassazzjoni tal-fjuwil tkun permessa u nkoraġġita.

Or. en

Emenda 23
Holger Krahmer

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-Unjoni qed tipprova tikseb ftehim internazzjonali sigur għall-ġejjieni biex jikkontrolla l-impatti tal-gassijiet serra mill-avjazzjoni u, sadattant, qed tillimita l-impatti ta' tibdil fil-klima **mill-attivitajiet tal-avjazzjoni minn u lejn ajrudromi fl-Unjoni** permezz ta' azzjoni awtonoma. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-objettivi huma ta' appoġġ reċiproku u mhux f'kunflitt, huwa xieraq li jittieħdu kont tal-iżviluppi u tal-pożizzjonijiet li ttieħdu f'fora internazzjonali u li **titqis** b'mod partikolari r-Riżoluzzjoni li tinkludi "Id-Dikjarazzjoni kkonsolidata tal-politiki u l-prattiki kontinwi tal-ICAO relatati mal-ħarsien tal-ambjent" adottata fit-38 sessjoni tal-Assemblea tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).

Emenda

(1) L-Unjoni qed tipprova tikseb ftehim internazzjonali sigur għall-ġejjieni biex jikkontrolla l-impatti tal-gassijiet serra mill-avjazzjoni **internazzjonali** u, sadattant, qed tillimita l-impatti ta' tibdil fil-klima **mill-avjazzjoni** fl-Unjoni **u ż-ŻEE** permezz ta' azzjoni awtonoma. Sabiex jiġi żgurat li dawn l-objettivi huma ta' appoġġ reċiproku u mhux f'kunflitt, huwa xieraq li jittieħdu kont tal-iżviluppi u tal-pożizzjonijiet li ttieħdu f'fora internazzjonali u li **titqies** b'mod partikolari r-Riżoluzzjoni li tinkludi "Id-Dikjarazzjoni kkonsolidata tal-politiki u l-prattiki kontinwi tal-ICAO relatati mal-ħarsien tal-ambjent" adottata fit-38 sessjoni tal-Assemblea tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).

Or. en

Emenda 24
Georgios Koumoutsakos

Proposta għal direttiva
Premessa 1a (ġdida)

PE526.175v01-00

4/58

AM\1013974MT.doc

(1a) Is-settur tal-avjazzjoni jopera f'livell internazzjonali. Problemi globali bħalma huma dawk li jinqalgħu minħabba emissjonijiet mill-inġenji tal-ajru jistgħu jkunu trattati b'mod effettiv b'approċċ internazzjonali li jinħtieġ li jittieħdu l-istess miżuri minn kulħadd jew li jintlaħqu l-istess objettivi permezz ta' miżuri differenti. Ftehim internazzjonali tal-ICAO joffri l-aħjar prospetti għal soluzzjoni sostenibbli fit-tul.

Or. el

Emenda 25
Eija-Riitta Korhola

Proposta għal direttiva
Premessa 2

(2) Konsegwentament, huwa mixtieq li r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jitqiesu b'mod temporanju bħala sodisfatti, meta jintlaħqu l-obbligi fir-rigward ta' ċertu perċentwal ta' emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi terzi. B'hekk, l-Unjoni tenfasizza li r-rekwiżiti jistgħu jiġu applikati fir-rigward ta' ċerti perċentwali ta' emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), bl-istess mod bħalma r-rekwiżiti legali jistgħu jiġu applikati fuq iktar emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn dawn l-ajrudromi.

imħassra

Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-

13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa hija żejda minħabba li tillimita l-ambitu ta' applikazzjoni tad-direttiva għal titjiriet fi ħdan iż-ŻEE biss.

Emenda 26

Françoise Grossetête, Christine De Veyrac, Dominique Riquet

Proposta għal direttiva

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(2) **Konsegwentament, huwa mixtieq li r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jitqiesu b'mod temporanju bħala sodisfaċenti, meta jintlaħqu l-obbligi fir-rigward ta' ċertu perċentwal ta' emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi terzi. B'hekk, l-Unjoni tenfasizza li r-rekwiżiti jistgħu jiġu applikati fir-rigward ta' ċerti perċentwali ta' emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), bl-istess mod bħalma r-rekwiżiti legali jistgħu jiġu applikati fuq iktar emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn dawn l-ajrudromi.***

*(2) **L-adozzjoni tad-Direttiva 377/2013/UE ppermettiet progress sinifikanti fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, għall-konklużjoni ta' ftehim komprensiv fil-laqgħa li jmiss. Għal faċilità ta' tali ftehim u biex tkun preservata l-kompetittività tas-settur Ewropew tat-trasport bl-ajru, u biex jiġu evitati miżuri ta' ritaljazzjoni kummerċjali, jeħtieġ li jiġi ristrett il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva biss għal titjiriet lejn jew li jutilqu minn ajrudromi fil-pajjiż taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE).***

⁴ *Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275,*

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni ta' titjriet barra miż-żona ŻEE fl-iskema ta' kwoti tal-emissjonijiet għandha ssir biss abbażi ta' kunsens reċiproku. Huwa irresponsabbli li l-Unjoni tirtira lura l-impenji li saru matul l-aħħar assemblea tal-ICAO f'Ottubru 2013. Din id-deċiżjoni thedded bil-kbir il-konklużjoni ta' ftehim globali u tesponi l-industrija Ewropea tal-avjazzjoni għal miżuri ta' ritaljazzjoni.

Emenda 27
Holger Kraemer

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

*(2) **Konsegwentament**, huwa mixtieq li r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jitqiesu b'mod temporanju bħala sodisfatti, meta jintlaħqu l-obbligi fir-rigward ta' ċertu perċentwal ta' emissjonijiet minn titjriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi terzi. B'hekk, l-Unjoni tenfasizza li r-rekwiżiti jistgħu jiġu applikati fir-rigward ta' ċerti perċentwali ta' emissjonijiet minn titjriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), bl-istess mod bħalma r-rekwiżiti legali jistgħu jiġu applikati fuq iktar emissjonijiet minn titjriet minn u lejn dawn l-ajrudromi.*

Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32)

Emenda

*(2) **L-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru 377/2013/UE li tidderoga b'mod temporanju mid-Direttiva 2003/87/KE ffaċilitat il-progress fl-ICAO. Sabiex jinżamm il-momentum u jkun iffaċilitat ftehim fuq skema ta' MBM globali għall-avjazzjoni internazzjonali fl-Assemblea tal-ICAO li jmiss**, huwa mixtieq li l-infurzar tar-rekwiżiti relatati ma' titjriet minn u lejn ajrudromi barra mill-Unjoni u ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jiġi sospiż.*

Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32)

Emenda 28
Georgios Koumoutsakos

Proposta għal direttiva
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) **Konsegwentament**, huwa mixtieq li **r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2003/87/KE** tal-Parlament Ewropew u **tal-Kunsill jitqiesu** b' mod temporanju **bħala sodisfatti, meta jintlaħqu l-obbligi fir-rigward ta' ċertu perċentwal ta' emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi terzi. B'hekk, l-Unjoni tenfasizza li r-rekwiżiti jistgħu jiġu applikati fir-rigward ta' ċerti perċentwali ta' emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), bl-istess mod bħalma r-rekwiżiti legali jistgħu jiġu applikati fuq iktar emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn dawn l-ajrudromi.**

⁴ **Id-Direttiva 2003/87/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **tat-13 ta' Ottubru 2003** li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità **u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE** (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32)

Emenda

(2) **Konsegwentement**, huwa mixtieq li **d-dispożizzjonijiet “waqqaf l-arloġġ” li nsibu fid-Deċiżjoni 2013/377/UE** tal-Parlament Ewropew u **tal-Kunsill⁴ ikunu estiżi** b' mod temporanju **sabiex jiżguraw li l-preparazzjonijiet għall-Assemblea tal-ICAO tal-2016 ikunu jistgħu jsiru taħt l-aħjar kundizzjonijiet possibbli.**

⁴ **Id-Deċiżjoni Nru 377/2013/UE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **tal-24 ta' April 2013 għal deroga temporanja mid-Direttiva 2003/87/KE** li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità (ĠU L 113, 25.4.2013, p.1)

Or. el

Emenda 29
Satu Hassi

Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

(2a) L-Istati Membri għandhom jimplimentaw tariffi tal-passiġġieri għal titjiriet sa fejn dawn ma jkunux koperti mill-ETS u għandhom jittrasferixxu d-dħul lill-Fond Ekoloġiku għall-Klima stabbilit taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-kuntest tal-ftehim tal-baġit tal-Istati Uniti li ntlaħaq f'Diċembru 2013, il-Kungress tal-Istati Uniti qiegħed fil-proċess li jżid tariffa għal titjira ġdida ta' 2,5 USD applikabbli għat-titjiriet kollha li jtilqu mill-ajrudromi tal-Istati Uniti. Tariffi tal-passiġġieri għandhom ikunu introdotti wkoll fl-Unjoni għal titjiriet sa fejn dawn ma jkunux koperti mill-ETS tal-avjazzjoni. Dawn it-tariffi għandhom ikunu kkalkulati li jkunu tal-anqas ekwivalenti għal EUR 10/tunnellata ta' CO2 fl-2014 u jżidiedu bi EUR 3 kull sena.

Emenda 30

Françoise Grossetête, Christine De Veyrac, Dominique Riquet

Proposta għal direttiva

Premessa 3

(3) Filwaqt li l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tibqa' bbażata fuq il-wasla jew fuq it-tluq minn ajrudromi fl-Unjoni, sabiex tkun mezz sempliċi u operabbli biex tillimita l-applikazzjoni ta' miżuri reġjonali bbażati fuq is-suq għal 7 snin sakemm tidħol fis-seħħ miżura bbażata fuq is-suq ta' dan it-tip, il-perċentwali ġew ikkalkulati mill-Eurocontrol abbażi tal-proporzjon tad-Distanza Ortodromika bejn l-ajruporti ewlenin fiż-ŻEE u fil-pajjiżi terzi li mhumiex aktar minn 12-il mil lil hinn mill-iktar punt li jinsab f'tarf il-kosta taż-ŻEE. Peress li l-Unjoni ma tqisx li miżura

imħassra

*globali bbażata fuq is-suq għandha tkun
ibbażata fuq konsiderazzjonijiet tal-
ispazju tal-ajru attwali, meta jiġu mqabbla
mal-wasla jew it-tluq mill-ajrudromi, ir-
rilevanza tal-perċentwali hija limitata
għall-perjodu sal-2020.*

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Tneħħija meħtieġa minħabba l-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Emenda 31
Holger Kraemer

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(3) Filwaqt li l-applikazzjoni tad-
Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament
Ewropew u tal-Kunsill tibqa' bbażata fuq
il-wasla jew fuq it-tluq minn ajrudromi fl-
Unjoni, sabiex tkun mezz sempliċi u
operabbli biex tillimita l-applikazzjoni ta'
miżuri reġjonali bbażati fuq is-suq għal
7 snin sakemm tidħol fis-seħħ miżura
bbażata fuq is-suq ta' dan it-tip, il-
perċentwali ġew ikkalkulati mill-
Eurocontrol abbażi tal-proporzjon tad-
Distanza Ortodromika bejn l-ajruporti
ewlenin fiż-ŻEE u fil-pajjiżi terzi li
mhumiex aktar minn 12-il mil lil hinn
mill-iktar punt li jinsab f'tarf il-kosta taż-
ŻEE. Peress li l-Unjoni ma tqisx li miżura
globali bbażata fuq is-suq għandha tkun
ibbażata fuq konsiderazzjonijiet tal-
ispazju tal-ajru attwali, meta jiġu mqabbla
mal-wasla jew it-tluq mill-ajrudromi, ir-
rilevanza tal-perċentwali hija limitata
għall-perjodu sal-2020.*

imħassra

Or. en

Emenda 32
Eija-Riitta Korhola

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) Filwaqt li l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tibqa' bbażata fuq il-wasla jew fuq it-tluq minn ajrudromi fl-Unjoni, sabiex tkun mezz sempliċi u operabbli biex tillimita l-applikazzjoni ta' miżuri reġjonali bbażati fuq is-suq għal 7 snin sakemm tidħol fis-seħħ miżura bbażata fuq is-suq ta' dan it-tip, il-perċentwali ġew ikkalkulati mill-Eurocontrol abbażi tal-proporzjon tad-Distanza Ortodromika bejn l-ajruporti ewlenin fiż-ŻEE u fil-pajjiżi terzi li mhumiex aktar minn 12-il mil lil hinn mill-iktar punt li jinsab f'tarf il-kosta taż-ŻEE. Peress li l-Unjoni ma tqisx li miżura globali bbażata fuq is-suq għandha tkun ibbażata fuq konsiderazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru attwali, meta jiġu mqabbla mal-wasla jew it-tluq mill-ajrudromi, ir-rilevanza tal-perċentwali hija limitata għall-perjodu sal-2020.

imħassra

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa hija żejda minħabba li tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva għal titjiriet fi ħdan iż-ŻEE biss.

Emenda 33
Jolanta Emilia Hibner

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Filwaqt li l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tibqa' bbażata fuq il-wasla jew fuq it-tluq minn ajrudromi fl-Unjoni, sabiex tkun mezz sempliċi u operabbli biex tillimita l-applikazzjoni ta' miżuri reġjonali bbażati fuq is-suq għal 7 snin sakemm tidħol fis-seħħ miżura bbażata fuq is-suq ta' dan it-tip, il-perċentwali ġew ikkalkulati mill-Eurocontrol abbażi tal-proporzjon tad-Distanza Ortodromika bejn l-ajruporti ewlenin fiż-ŻEE u fil-pajjiżi terzi li mhumiex aktar minn 12-il mil lil hinn mill-iktar punt li jinsab f' tarf il-kosta taż-ŻEE. Peress li l-Unjoni ma tqisx li miżura globali bbażata fuq is-suq għandha tkun ibbażata fuq konsiderazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru attwali, meta jiġu mqabbla mal-wasla jew it-tluq mill-ajrudromi, ir-rilevanza tal-perċentwali hija limitata għall-perjodu sal-2020.

Emenda

(3) Filwaqt li l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tibqa' bbażata fuq il-wasla jew fuq it-tluq minn ajrudromi fl-Unjoni, sabiex tkun mezz sempliċi u operabbli biex tillimita l-applikazzjoni ta' miżuri reġjonali bbażati fuq is-suq għal 7 snin sakemm tidħol fis-seħħ miżura bbażata fuq is-suq ta' dan it-tip, il-perċentwali ġew ikkalkulati mill-Eurocontrol abbażi tal-proporzjon tad-Distanza Ortodromika bejn l-ajruporti ewlenin fiż-ŻEE u fil-pajjiżi terzi li mhumiex aktar minn 12-il mil lil hinn mill-iktar punt li jinsab f' tarf il-kosta taż-ŻEE. Peress li l-Unjoni ma tqisx li miżura globali bbażata fuq is-suq għandha tkun ibbażata fuq konsiderazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru attwali, meta jiġu mqabbla mal-wasla jew it-tluq mill-ajrudromi, ir-rilevanza tal-perċentwali hija limitata għall-perjodu **mill-2013** sal-2020.

Or. pl

Emenda 34
Satu Hassi

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Filwaqt li l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tibqa' bbażata fuq il-wasla jew fuq it-tluq minn ajrudromi fl-Unjoni, sabiex tkun mezz sempliċi u operabbli biex tillimita l-applikazzjoni ta' miżuri reġjonali bbażati fuq is-suq għal 7 snin sakemm **tidħol fis-seħħ** miżura bbażata fuq is-suq **ta' dan it-tip**, il-

Emenda

(3) Filwaqt li l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tibqa' bbażata fuq il-wasla jew fuq it-tluq minn ajrudromi fl-Unjoni, sabiex tkun mezz sempliċi u operabbli biex tillimita l-applikazzjoni ta' miżuri reġjonali bbażati fuq is-suq għal **tlit** snin sakemm **ikun hemm ftehim fid-39 Assemblea ICAO dwar** miżura **globali**

perċentwali ġew ikkalkulati mill-Eurocontrol abbażi tal-proporzjon tad-Distanza Ortodromika bejn l-ajruporti ewlenin fiż-ŻEE u fil-pajjiżi terzi li mhumiex aktar minn **12-il mil** lil hinn mill-iktar punt li jinsab f' tarf il-kosta taż-ŻEE. Peress li l-Unjoni ma tqisx li miżura globali bbażata fuq is-suq għandha tkun ibbażata fuq konsiderazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru attwali, meta jiġu mqabbla mal-wasla jew it-tluq mill-ajrudromi, ir-rilevanza tal-perċentwali hija limitata għall-perjodu **sal-2020**.

bbażata fuq is-suq **ratifikabbli li tapplika għall-maġġoranza tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali**, il-perċentwali ġew ikkalkulati mill-Eurocontrol abbażi tal-proporzjon tad-Distanza Ortodromika bejn l-ajruporti ewlenin fiż-ŻEE u fil-pajjiżi terzi li mhumiex aktar minn **200 mil** lil hinn mill-iktar punt li jinsab f' tarf il-kosta taż-ŻEE. Peress li l-Unjoni ma tqisx li miżura globali bbażata fuq is-suq għandha tkun ibbażata fuq konsiderazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru attwali, meta jiġu mqabbla mal-wasla jew it-tluq mill-ajrudromi, ir-rilevanza tal-perċentwali hija limitata għall-perjodu **sal-2016. Mill-1 ta' Jannar 2017 il-perċentwali kollha se jkunu 50 % sakemm jidħol fis-seħħ mekkaniżmu globali bbażat fuq is-suq b'integrità ambjentali ekwivalenti, fejn ir-responsabbiltà tan-nofs l-ieħor titħalla f'idejn pajjiżi oħra.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-perimetru propost ta' 12-il mil nawtiku huwa artifiċjalment baxx għall-attivitajiet tal-avjazzjoni. 200 mil jirrappreżentaw id-distanza taż-Żona Ekonomika Esklussiva taż-ŻEE. Mill-2017 sakemm tkun implimentata miżura internazzjonali bbażata fuq is-suq ta' integrità ambjentali ekwivalenti, l-ETS tal-UE għall-avjazzjoni għandha tkopri 50 % tat-titjiriet li jidħlu u li joħorġu, ir-regolamentazzjoni tan-nofs l-ieħor għandha tkun ir-responsabbiltà tal-pajjiż l-ieħor.

Emenda 35 **Spyros Danellis**

Proposta għal direttiva **Premessa 3**

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Filwaqt li l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tibqa' bbażata fuq il-wasla jew fuq it-tluq minn ajrudromi fl-Unjoni, sabiex tkun mezz sempliċi u

Emenda

(3) Filwaqt li l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tibqa' bbażata fuq il-wasla jew fuq it-tluq minn ajrudromi fl-Unjoni, sabiex tkun mezz sempliċi u

operabbli biex tillimita l-applikazzjoni ta' miżuri reġjonali bbażati fuq is-suq għal 7 snin sakemm tidħol fis-seħħ miżura bbażata fuq is-suq ta' dan it-tip, il-perċentwali ġew ikkalkulati mill-Eurocontrol abbażi tal-proporzjon tad-Distanza Ortodromika bejn l-ajruporti ewlenin fiż-ŻEE u fil-pajjiżi terzi li mhumiex aktar minn 12-il mil lil hinn mill-iktar punt li jinsab f' tarf il-kosta taż-ŻEE. Peress li l-Unjoni ma tqisx li miżura globali bbażata fuq is-suq għandha tkun ibbażata fuq konsiderazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru attwali, meta jiġu mqabbla mal-wasla jew it-tluq mill-ajrudromi, ir-rilevanza tal-perċentwali hija limitata għall-perjodu sal-2020.

operabbli biex tillimita l-applikazzjoni ta' miżuri reġjonali bbażati fuq is-suq għal 7 snin sakemm tidħol fis-seħħ miżura bbażata fuq is-suq ta' dan it-tip, il-perċentwali ġew ikkalkulati mill-Eurocontrol abbażi tal-proporzjon tad-Distanza Ortodromika bejn l-ajruporti ewlenin fiż-ŻEE u fil-pajjiżi terzi li mhumiex aktar minn 12-il mil lil hinn mill-iktar punt li jinsab f' tarf il-kosta taż-ŻEE. Peress li l-Unjoni ma tqisx li miżura globali bbażata fuq is-suq għandha tkun ibbażata fuq konsiderazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru attwali, meta jiġu mqabbla mal-wasla jew it-tluq mill-ajrudromi, ir-rilevanza tal-perċentwali hija limitata għall-perjodu sal-2020. ***Jekk ma jsirx ftehim dwar miżura globali bbażata fuq is-suq fid-39 Assemblea tal-ICAO, imbagħad mill-1 ta' Jannar 2017 sal-aħħar tal-2020 il-perċentwal tal-emissjonijiet li jirrikjedi ċ-ċediment ta' kwoti jkun 50 % ta' kull titjira tal-wasla u tat-tluq sabiex tittejjeb il-kopertura u l-integrità ambjentali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-soluzzjoni ibrida tal-mudell "l-ispazju tal-ajru" għandha tkun applikata biss sakemm jidħol fis-seħħ ftehim vinkolanti fil-livell globali. Ladarba dan iseħħ, l-UE tista' taġġusta d-dispożizzjonijiet tagħha kif jixraq. Jekk tali ftehim ma jiġix konkluż fl-Assemblea tal-ICAO tal-2016, imbagħad għandha tidħol fis-seħħ sistema b'kopertura u integrità ambjentali aħjar (50-50) - li madankollu xorta tindirizza l-kwistjonijiet ta' sovranità espressi.

Emenda 36

Françoise Grossetête, Christine De Veyrac, Dominique Riquet

Proposta għal direttiva

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) Sabiex jiġi stabbilit perċentwal ta' emissjonijiet ivverifikati għal titjiriet minn

imħassra

u lejn ajrudromi f'pajjiżi terzi, iridu jkunu magħrufa l-emissjonijiet kollha tat-titjira. Madankollu, mhux qed jitqiesu l-emissjonijiet li mhumiex koperti minn dak il-perċentwal.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Tneħħija meħtieġa minħabba l-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Emenda 37
Holger Kraemer

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) Sabiex jiġi stabbilit perċentwal ta' emissjonijiet iwwerifikati għal titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi terzi, iridu jkunu magħrufa l-emissjonijiet kollha tat-titjira. Madankollu, mhux qed jitqiesu l-emissjonijiet li mhumiex koperti minn dak il-perċentwal.

imħassra

Or. en

Emenda 38
Eija-Riitta Korhola

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) Sabiex jiġi stabbilit perċentwal ta' emissjonijiet iwwerifikati għal titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi terzi, iridu jkunu magħrufa l-emissjonijiet kollha tat-titjira. Madankollu, mhux qed jitqiesu l-emissjonijiet li mhumiex koperti minn dak

imħassra

il-perċentwal.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa hija żejda minħabba li tillimita l-ambitu ta' applikazzjoni tad-direttiva għal titjiriet fi ħdan iż-ŻEE biss.

Emenda 39

Françoise Grossetête, Christine De Veyrac, Dominique Riquet

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7) Barra minn hekk, fir-rigward ta' titjiriet minn u lejn pajjiżi terzi, operatur tal-inġenju tal-ajru għandu jkun jista' jagħżel li ma jirrappurtax l-emissjonijiet ivverifikati minn dawn it-titjiriet, iżda minflok iserraħ fuq estimi ta' emissjonijiet determinati li jseħħu sal-kosta tal-pajjiżi Membri taż-ŻEE u li għandhom ikunu preċiżi kemm jista' jkun.

imħassra

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Tneħħija meħtieġa minħabba l-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Emenda 40

Satu Hassi

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7) Barra minn hekk, fir-rigward ta' titjiriet minn u lejn pajjiżi terzi, operatur

imħassra

tal-inġenju tal-ajru għandu jkun jista' jagħżel li ma jirrappurtax l-emissjonijiet ivverifikati minn dawn it-titjiriet, iżda minflok iserraħ fuq estimi ta' emissjonijiet determinati li jseħħu sal-kosta tal-pajjiżi Membri taż-ŻEE u li għandhom ikunu preċiżi kemm jista' jkun.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ETS introduċiet sistema ta' MRV għas-settur tal-avjazzjoni fl-Ewropa u lil hinn minnha. L-informazzjoni kienet strumentali għall-operaturi biex inaqqsu l-użu tal-fjuwil.

Emenda 41
Holger Kraemer

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7) Barra minn hekk, fir-rigward ta' titjiriet minn u lejn pajjiżi terzi, operatur tal-inġenju tal-ajru għandu jkun jista' jagħżel li ma jirrappurtax l-emissjonijiet ivverifikati minn dawn it-titjiriet, iżda minflok iserraħ fuq estimi ta' emissjonijiet determinati li jseħħu sal-kosta tal-pajjiżi Membri taż-ŻEE u li għandhom ikunu preċiżi kemm jista' jkun.

imħassra

Or. en

Emenda 42
Eija-Riitta Korhola

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7) Barra minn hekk, fir-rigward ta' titjiriet minn u lejn pajjiżi terzi, operatur tal-inġenju tal-ajru għandu jkun jista' jagħżel li ma jirrappurtax l-emissjonijiet ivverifikati minn dawn it-titjiriet, iżda minflok iserraħ fuq estimi ta' emissjonijiet determinati li jseħħu sal-kosta tal-pajjiżi Membri taż-ŻEE u li għandhom ikunu preċiżi kemm jista' jkun.

imħassra

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa hija żejda minħabba li tillimita l-ambitu ta' applikazzjoni tad-direttiva għal titjiriet fi ħdan iż-ŻEE biss.

Emenda 43

Françoise Grossetête

Proposta għal direttiva

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8) Biex jiġu ssemplifikati u jitnaqqsu l-kompiti amministrattivi għall-iżgħar operaturi tal-inġenji tal-ajru, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru mhux kummerċjali li jipproduċu inqas minn **1000** tonnellata ta' CO2 fis-sena għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva, u miżuri addizzjonali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiġu ffaċilitati biex jissempifikaw l-amministrazzjoni għal operaturi żgħar tal-inġenji tal-ajru.

(8) Biex jiġu ssemplifikati u jitnaqqsu l-kompiti amministrattivi għall-iżgħar operaturi tal-inġenji tal-ajru, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru mhux kummerċjali li jipproduċu inqas minn **10 000** tonnellata ta' CO2 fis-sena **fl-ispazju tal-ajru Ewropew** għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva, u miżuri addizzjonali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiġu ffaċilitati biex jissempifikaw l-amministrazzjoni għal operaturi żgħar tal-inġenji tal-ajru.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-operaturi kummerċjali u mhux kummerċjali ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod differenti. Minħabba li daww tal-ewwel huma suġġetti għal eżenzjoni ta' taħt l-10 000 tunnellata ta' CO2 fis-sena, l-operaturi mhux kummerċjali għandhom ikunu suġġetti għall-istess limitu.

Emenda 44

Françoise Grossetête, Christine De Veyrac, Dominique Riquet

Proposta għal direttiva

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) L-applikazzjoni ta' perċentwal għal emissjonijiet ivverifikati għal titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi terzi, jew l-użu ta' approċċ alternattiv mill-operaturi, għandhom jirrelataw għall-emissjonijiet mill-2014 'il quddiem sabiex l-operaturi jkollhom żmien biex jifhmu dawn l-approċċi meta jippjanaw l-attivitajiet tat-titjiriet tagħhom.

imħassra

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Tneħħija meħtieġa minħabba l-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Emenda 45

Eija-Riitta Korhola

Proposta għal direttiva

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) L-applikazzjoni ta' perċentwal għal emissjonijiet ivverifikati għal titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi terzi, jew l-użu ta' approċċ alternattiv mill-operaturi, għandhom jirrelataw għall-emissjonijiet mill-2014 'il quddiem sabiex l-operaturi

imħassra

jkollhom żmien biex jifhmu dawn l-approċċi meta jippjanaw l-attivitajiet tat-titjiriet tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa hija żejda minħabba li tillimita l-ambitu ta' applikazzjoni tad-direttiva għal titjiriet fi ħdan iż-ŻEE biss.

**Emenda 46
Holger Kraemer**

**Proposta għal direttiva
Premessa 9**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) L-applikazzjoni ta' perċentwal għal emissjonijiet ivverifikati għal titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi terzi, jew l-użu ta' approċċ alternattiv mill-operaturi, għandhom jirrelataw għall-emissjonijiet mill-2014 'il quddiem sabiex l-operaturi jkollhom żmien biex jifhmu dawn l-approċċi meta jippjanaw l-attivitajiet tat-titjiriet tagħhom.

imħassra

Or. en

**Emenda 47
Eija-Riitta Korhola**

**Proposta għal direttiva
Premessa 10**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) Mingħajr preġudizzju għall-miżura globali bbażata fuq is-suq li tapplika mill-2020, l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw u li

imħassra

s-sehem tagħhom tad-dħul totali ta' tunnellati-kilometri ta' attivitajiet internazzjonali tal-avjazzjoni ċivili huwa inqas minn 1 %, għandu jiġi eżentat għall-perjodu 2014 sal-2020. Il-pajjiżi li huma meqjusa li għadhom qed jiżviluppaw għall-finijiet ta' din il-proposta, għandhom ikunu daww li fil-waqt tal-adozzjoni ta' din il-proposta jibbenefikaw minn aċċess preferenzjali għas-suq tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li fl-2013 ma għewx klassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi bi dħul għoli jew pajjiżi bi dħul medju superjuri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa hija żejda minħabba li tillimita l-ambitu ta' applikazzjoni tad-direttiva għal titjiriet fi ħdan iż-ŻEE biss.

Emenda 48

Françoise Grossetête, Christine De Veyrac, Dominique Riquet, Maurice Ponga

Proposta għal direttiva Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

10a. Mingħajr preġudizzju għall-miżura globali bbażata fuq is-suq li tapplika mill-2020, l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn ir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni għandhom jiġu eżentati għall-perjodu 2014-2020.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-ajruplan huwa mod tat-trasport essenzjali li jiffaċilita l-mobilità taċ-ċittadini tar-reġjuni l-aktar imbiegħda li huma mdawra bl-art. Meta wieħed iqis dawn il-karatteristiċi, jeħtieġ li jiġi żgurati li l-kompetittività tal-linji li jaqdu dawn l-oqsma ma tiġix mhedda.

Emenda 49
Satu Hassi

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru u għall-awtoritajiet nazzjonali huwa xieraq li l-iskadenza għar-restituzzjoni u r-rappurtar għall-emissjonijiet tal-2013 tiġi estiża sal-2015.

imħassra

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emissjonijiet tal-2013 għandhom ikunu rrapurtati fl-2014 kif previst fil-leġiżlazzjoni.

Emenda 50
Jolanta Emilia Hibner

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12) Wara l-Assemblea tal-ICAO tal-2016, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex jiġi żgurat li jitqiesu l-iżviluppi internazzjonali u tiġi indirizzata kwalunkwe kwistjoni dwar l-applikazzjoni ta' deroga.

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

Or. pl

Emenda 51
Satu Hassi

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Wara l-Assemblea tal-ICAO tal-2016, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill *sabiex jiġi żgurat li jitqiesu l-iżviluppi internazzjonali u tiġi indirizzata kwalunkwe kwistjoni dwar l-applikazzjoni ta' deroga.*

Emenda

(12) Wara l-Assemblea tal-ICAO tal-2016, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar *il-progress fl-ICAO lejn l-implimentazzjoni ta' MBM globali.*

Or. en

Emenda 52
Jolanta Emilia Hibner

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 28a – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. B'deroga mill-Artikolu 12(2a) **u** l-Artikolu 14(3), l-Istati Membri għandhom iqisu r-rekwiżiti stabbiliti f'dawk il-paragrafi li huma sodisfatti fir-rigward ta':

Emenda

1. B'deroga mill-Artikolu 12(2a), l-Artikolu 14(3) **u l-Artikolu 16(3)**, l-Istati Membri għandhom iqisu r-rekwiżiti stabbiliti f'dawk il-paragrafi li huma sodisfatti fir-rigward ta':

Or. pl

Emenda 53
Martin Callanan

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet minn **u** lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea **fl-2013**;

Emenda

(a) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet minn **jew** lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (**ŻEE**) **f'kull sena kalendarja bejn l-2013 u l-2020**;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2013 sal-2020 jippermetti r-reviżjoni tal-2016 biex jiġi vvalutat jekk il-kamp ta' applikazzjoni għandux jinbidel wara d-39 Assemblea tal-ICAO.

Emenda 54
Holger Krahmer

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea **fl-2013**;

Emenda

(a) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea **f'kull sena kalendarja bejn l-2013 u l-2020**;

Or. en

Emenda 55
Françoise Grossetête, Christine De Veyrac, Dominique Riquet

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea **fl-2013**;

(a) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea **sal-2020**;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni ta' titjiriet barra miż-żona ŻEE fl-iskema ta' kwoti tal-emissjonijiet għandha ssir biss abbażi ta' kunsens reċiproku. Huwa irresponsabbli li l-Unjoni tirtira lura l-impenji li saru matul l-aħħar assemblea tal-ICAO f'Ottubru 2013. Din id-deċiżjoni thedded bil-kbir il-konklużjoni ta' fehim globali u tesponi l-industrija Ewropea tal-avjazzjoni għal miżuri ta' ritaljazzjoni kummerċjali.

Emenda 56
Eija-Riitta Korhola

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea **fl-2013**;

(a) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea **bejn is-snin kalendarji 2013 u 2016**;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-deċiżjoni li “twaqqaf l-arloġġ” kienet waħda ġusta u vitali sabiex jinstab fehim globali, għaldaqstant din id-direttiva tapplika sa tmiem is-sena 2016, fid-dawl tal-Assemblea tal-ICAO li se tinżamm dik is-sena.

Emenda 57
Gilles Pargneaux

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea **fl-2013**;

Emenda

(a) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea **għal kull sena kalendarja mill-2013 sal-2016**;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li nibqgħu fil-perimetru ta' "Stop the Clock" sal-2016. Għall-perjodu 2017 - 2020, għadha meħtieġa fażi ta' evalwazzjoni tal-għażliet differenti. Approċċ strettament limitat għal titjiriet ġewwa l-Ewropa tal-anqas sal-2016, b'reviżjoni tas-sistema fl-2016, ċertament jippreżenta l-aħjar bilanċ.

Emenda 58
Georgios Koumoutsakos

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea **fl-2013**;

Emenda

(a) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea **mill-2013 sal-2016**;

Or. el

Emenda 59
Françoise Grossetête, Christine De Veyrac, Dominique Riquet, Maurice Ponga

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet minn u lejn ir-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni Ewropea sal-2020;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-ajruplan huwa mod tat-trasport essenzjali li jiffaċilita l-mobilità taċ-ċittadini tar-reġjuni l-aktar imbiegħda li huma mdawra bl-art. Meta wieħed iqis dawn il-karatteristiċi, jeħtieġ li jiġi żgurati li l-kompetittività tal-linji li jaqdu dawn l-oqsma ma tiġix mhedda.

Emenda 60

Françoise Grossetête, Christine De Veyrac, Dominique Riquet

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) f'kull sena kalendarja bejn l-2014 u l-2020 fejn l-operatur tat-tali titjiriet irrestitwixxa kwoti fir-rigward tal-perċentwali tal-emissjonijiet ivverifikati minn dawk it-titjiriet elenkati f'konformità mal-Anness IIc, jew ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 6;

imħassar

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni ta' titjiriet barra miż-żona ŻEE fl-iskema ta' kwoti tal-emissjonijiet għandha ssir biss abbażi ta' kunsens reċiproku. Huwa irresponsabbli li l-Unjoni tirtira lura l-impenji li saru matul l-aħħar assemblea tal-ICAO f'Ottubru 2013. Din id-deċiżjoni thedded bil-kbir il-konklużjoni ta' ftehim globali u tesponi l-industrija Ewropea tal-avjazzjoni għal miżuri ta'

ritaljazzjoni kummerċjali.

Emenda 61
Eija-Riitta Korhola

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) f’kull sena kalendarja bejn l-2014 u l-2020 fejn l-operatur tat-tali titjiriet irrestitwixxa kwoti fir-rigward tal-perċentwali tal-emissjonijiet ivverifikati minn dawk it-titjiriet elenkati f’konformità mal-Anness IIc, jew ikkalkulati f’konformità mal-paragrafu 6;

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-punt b huwa żejjed minħabba li jillimita l-kamp ta’ applikazzjoni tad-direttiva biss għal titjiriet fi ħdan iż-ŻEE. Id-deċiżjoni li “twaqqaf l-arloġġ” kienet waħda ġusta u vitali sabiex jinstab ftehim globali, għaldaqstant din id-direttiva tapplika sa tmiem is-sena 2016, fid-dawl tal-Assemblea tal-ICAO li se tinżamm dik is-sena.

Emenda 62
Holger Krahmer

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika

imħassar

Ewropea (ŻEE) f'kull sena kalendarja bejn l-2014 u l-2020 fejn l-operatur tattali titjiriet irrestitwixxa kwoti fir-rigward tal-perċentwali tal-emissjonijiet ivverifikati minn dawk it-titjiriet elenkati f'konformità mal-Anness IIc, jew ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 6;

Or. en

Emenda 63
Martin Callanan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) f'kull sena kalendarja bejn l-2014 u l-2020 fejn l-operatur tattali titjiriet irrestitwixxa kwoti fir-rigward tal-perċentwali tal-emissjonijiet ivverifikati minn dawk it-titjiriet elenkati f'konformità mal-Anness IIc, jew ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 6;

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2013 sal-2020 tippermetti r-Rieżami tal-2016 biex jiġi vvalutat jekk il-kamp ta' applikazzjoni għandux jinbidel wara d-39 Assemblea tal-ICAO.

Emenda 64
Satu Hassi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) f'kull sena kalendarja bejn l-2014 u **l-2020** fejn l-operatur tat-tali titjiriet irrestitwixxa kwoti fir-rigward tal-perċentwali tal-emissjonijiet ivverifikati minn dawk it-titjiriet elenkati f'konformità mal-Anness IIc, jew ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 6;

Emenda

(b) l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) f'kull sena kalendarja bejn l-2014 u **l-2016** fejn l-operatur tat-tali titjiriet irrestitwixxa kwoti fir-rigward tal-perċentwali tal-emissjonijiet ivverifikati minn dawk it-titjiriet elenkati f'konformità mal-Anness IIc, jew ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 6;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mill-2017 sakemm tkun implimentata MBM globali, l-ETS għall-avjazzjoni għandha tkopri 50 % tat-titjiriet li jidħlu u li joħorġu, ir-regolamentazzjoni tan-nofs l-ieħor għandha tkun ir-responsabbiltà tal-pajjiż l-ieħor.

Emenda 65
Spyros Danellis

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) f'kull sena kalendarja bejn l-2014 u **l-2020** fejn l-operatur tat-tali titjiriet irrestitwixxa kwoti fir-rigward tal-perċentwali tal-emissjonijiet ivverifikati minn dawk it-titjiriet elenkati f'konformità mal-Anness IIc, jew ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 6;

Emenda

(b) l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) f'kull sena kalendarja bejn l-2014 u **l-2016** fejn l-operatur tat-tali titjiriet irrestitwixxa kwoti fir-rigward tal-perċentwali tal-emissjonijiet ivverifikati minn dawk it-titjiriet elenkati f'konformità mal-Anness IIc, jew ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 6;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-soluzzjoni ibrida tal-mudell “l-ispazju tal-ajru” għandha tkun applikata biss sakemm jidħol fis-seħħ ftehim vinkolanti fil-livell globali. Ladarba dan iseħħ, l-UE tista' taġġusta d-dispożizzjonijiet tagħha kif jixraq. Jekk tali ftehim ma jiġix konkluż fl-Assemblea tal-ICAO tal-2016, imbagħad għandha tidħol fis-seħħ sistema b'kopertura u integrità ambjentali aħjar (50-50) - li madankollu xorta tindirizza l-kwisjonijiet ta' sovranità espressi.

Emenda 66 **Gilles Pargneaux**

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-emissjonijiet minn titjriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) f'kull sena kalendarja bejn **l-2014** u l-2020 fejn l-operatur tat-tali titjriet irrestitwixxa kwoti fir-rigward tal-perċentwali tal-emissjonijiet ivverifikati minn dawk it-titjriet elenkati f'konformità mal-Anness IIc, jew ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 6;

Emenda

(b) l-emissjonijiet minn titjriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) f'kull sena kalendarja bejn **l-2017** u l-2020 fejn l-operatur tat-tali titjriet irrestitwixxa kwoti fir-rigward tal-perċentwali tal-emissjonijiet ivverifikati minn dawk it-titjriet elenkati f'konformità mal-Anness IIc, jew ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 6;

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Għall-perjodu 2017 - 2020, għadha meħtieġa fażi ta' evalwazzjoni tal-għażliet differenti. Approċċ strettament limitat għal titjriet ġewwa l-Ewropa sal-2016, b'reviżjoni tas-sistema fl-2016 ċertament jippreżenta l-aħjar bilanċ.

Emenda 67 **Jolanta Emilia Hibner**

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) f'kull sena kalendarja bejn l-2014 u l-2020 fejn l-operatur tat-tali titjiriet irrestitwixxa kwoti fir-rigward tal-perċentwali tal-emissjonijiet ivverifikati minn dawk it-titjiriet elenkati f'konformità mal-Anness IIc, **jew ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 6;**

Emenda

(b) l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) f'kull sena kalendarja bejn l-2014 u l-2016 fejn l-operatur tat-tali titjiriet irrestitwixxa kwoti fir-rigward tal-perċentwali tal-emissjonijiet ivverifikati minn dawk it-titjiriet elenkati f'konformità mal-Anness IIc;

Or. pl

Emenda 68
Satu Hassi

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

2003/87/KE

Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ba) l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea mill-2017 fejn l-operatur ta' tali titjiriet irrestitwixxa kwoti fir-rigward ta' 50 % tal-emissjonijiet ivverifikati tagħhom minn dawk it-titjiriet elenkati;

Emenda

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mill-2017 sakemm tkun implimentata MBM globali, l-ETS għall-avjazzjoni għandha tkopri 50 % tat-titjiriet li jidħlu u li joħorġu, ir-regolamentazzjoni tan-nofs l-ieħor għandha tkun ir-responsabbiltà tal-pajjiż l-ieħor.

Emenda 69
Spyros Danellis

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) f'kull sena kalendarja bejn l-2017 u l-2020 fejn l-operatur ta' tali titjiriet irrestitwixxa kwoti fir-rigward ta' 50 % tal-emissjonijiet ivverifikati tagħhom minn dawk it-titjiriet elenkati, jekk fid-39 Assemblea tal-ICAO ma jsirx ftehim dwar miżura globali bbażata fuq is-suq li tapplika għall-maġġoranza tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali u li tidħol fis-seħħ mill-2020;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-soluzzjoni ibrida tal-mudell “l-ispazju tal-ajru” għandha tkun applikata biss sakemm jidħol fis-seħħ ftehim vinkolanti fil-livell globali. Ladarba dan iseħħ, l-UE tista' taġġusta d-dispożizzjonijiet tagħha kif jixraq. Jekk tali ftehim ma jiġix konkluż fl-Assemblea tal-ICAO tal-2016, imbagħad għandha tidħol fis-seħħ sistema b'kopertura u integrità ambjentali aħjar (50-50) - li madankollu xorta tindirizza l-kwistjonijiet ta' sovranità espressi.

Emenda 70
Spyros Danellis

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) f'kull sena kalendarja bejn l-2017 u l-2020 fejn l-operatur ta' tali titjiriet irrestitwixxa kwoti

f'konformità punt b tal-Paragrafu 1, biss jekk fid-39 Assemblea tal-ICAO ikun sar ftehim dwar miżura globali bbażata fuq is-suq li tapplika għall-maġġoranza tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali u li tidħol fis-seħħ mill-2020;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-soluzzjoni ibrida tal-mudell “l-ispazju tal-ajru” għandha tkun applikata biss sakemm jidħol fis-seħħ ftehim vinkolanti fil-livell globali. Ladarba dan iseħħ, l-UE tista' taġġusta d-dispożizzjonijiet tagħha kif jixraq. Jekk tali ftehim ma jiġix konkluż fl-Assemblea tal-ICAO tal-2016, imbagħad għandha tidħol fis-seħħ sistema b'kopertura u integrità ambjentali aħjar (50-50) - li madankollu xorta tindirizza l-kwisjonijiet ta' sovranià espressi.

Emenda 71

Eija-Riitta Korhola

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-emissjonijiet minn titjiriet operati minn operatur tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali f'kull sena kalendarja **sal-2020** fejn l-emissjonijiet li għalihom huwa responsabbli dak l-operatur tal-inġenju tal-ajru **fis-sena** kalendarja, huma inqas minn 1000 tonnellata;

Emenda

(c) l-emissjonijiet minn titjiriet operati minn operatur tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali f'kull sena kalendarja **bejn l-2013 u l-2016** fejn l-emissjonijiet li għalihom huwa responsabbli dak l-operatur tal-inġenju tal-ajru **f'dik is-sena** kalendarja, huma inqas minn 1000 tonnellata;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-deċiżjoni li “twaqqaf l-arloġġ” kienet waħda ġusta u vitali sabiex jinstab ftehim globali, għaldaqstant din id-direttiva tapplika sa tmiem is-sena 2016, fid-dawl tal-Assemblea tal-ICAO li se tinżamm dik is-sena.

Emenda 72
Jolanta Emilia Hibner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-emissjonijiet minn titjiriet operati minn operatur tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali f'kull sena kalendarja sal-2020 fejn l-emissjonijiet li għalihom huwa responsabbli dak l-operatur tal-inġenju tal-ajru fis-sena kalendarja, huma inqas minn 1000 tonnollata,

Emenda

(c) l-emissjonijiet minn titjiriet operati minn operatur tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali f'kull sena kalendarja **fil-perjodu mill-2013** sal-2020 fejn l-emissjonijiet li għalihom huwa responsabbli dak l-operatur tal-inġenju tal-ajru fis-sena kalendarja, huma inqas minn 1000 tonnollata,

Or. pl

Emenda 73
Françoise Grossetête

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-emissjonijiet minn titjiriet operati minn operatur tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali f'kull sena kalendarja sal-2020 fejn l-emissjonijiet li għalihom huwa responsabbli dak l-operatur tal-inġenju tal-ajru fis-sena kalendarja, huma inqas minn **1000 tonnollata;**

Emenda

(c) l-emissjonijiet minn titjiriet operati minn operatur tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali f'kull sena kalendarja sal-2020 fejn l-emissjonijiet li għalihom huwa responsabbli dak l-operatur tal-inġenju tal-ajru fis-sena kalendarja, huma inqas minn **10 000 tonnollata, emessi matul titjiriet fiż-ŻEE;**

Or. fr

Ġustifikazzjoni

L-operaturi kummerċjali u mhux kummerċjali ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod differenti.

Minħabba li dawk tal-ewwel huma suġġetti għal eżenzjoni ta' taħt l-10 000 tunnellata ta' CO2 fis-sena, l-operaturi mhux kummerċjali għandhom ikunu suġġetti għall-istess limitu.

Emenda 74
Satu Hassi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-emissjonijiet minn titjiriet operati minn operatur tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali f'kull sena kalendarja sal-2020 fejn l-emissjonijiet li għalihom huwa responsabbli dak l-operatur tal-inġenju tal-ajru fis-sena kalendarja, huma inqas minn 1000 tunnellata,

Emenda

(c) l-emissjonijiet minn titjiriet operati minn operatur tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali f'kull sena kalendarja sal-2020 fejn l-emissjonijiet li għalihom huwa responsabbli dak l-operatur tal-inġenju tal-ajru fis-sena kalendarja, huma inqas minn 1000 tunnellata ***u l-operatur għamel kontribuzzjoni ekwivalenti lill-Fond Ekoloġiku għall-Klima stabbilit taħt l-UNFCCC li tikkorrispondi għal EUR 10/tunnellata ta' CO2 fl-2014 u li tiżdied bi EUR 3 kull sena;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-eżenzjoni għal inġenju tal-ajru mhux kummerċjali, jiġifieri għetijiet kummerċjali, hija aċċettabbli biss jekk dawn huma soġġetti għal kontribuzzjoni ekwivalenti lill-Fond Ekoloġiku għall-Klima tal-UNFCCC. Il-prezz propost huwa bbażat fuq wieħed mix-xenarji tal-prezzijiet tal-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-impatt għall-proposta ta' MRV marittima.

Emenda 75
Martin Callanan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-emissjonijiet minn titjiriet operati minn operatur tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali f'kull sena kalendarja sal-2020 fejn l-emissjonijiet li għalihom huwa responsabbli dak l-operatur tal-inġenju tal-ajru fis-sena kalendarja, huma inqas minn 1000 tunnellata,

Emenda

(c) l-emissjonijiet minn titjiriet operati minn operatur tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali f'kull sena kalendarja **mill-2013** sal-2020 fejn l-emissjonijiet li għalihom huwa responsabbli dak l-operatur tal-inġenju tal-ajru fis-sena kalendarja, huma inqas minn 1000 tunnellata,

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-finijiet ta' Artikoli 11a, 12 u 14 relatati ma' krediti ta' proġett, it-trasferiment u ċ-ċediment ta' kwoti u l-MRV, l-emissjonijiet ivverifikati għandhom ikunu kunsidrati bħala l-emissjonijiet relatati mal-ambitu mnaqqas.

Emenda 76
Gilles Pargneaux

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) ir-restituzzjoni tal-kwoti, qabel il-31 ta' Diċembru 2013, hija l-istess għall-emissjonijiet verifikati tal-2012.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni hija maħsuba biex tippermetti r-regolarizzazzjoni tal-operaturi tal-ajruplani li għamli r-restituzzjoni tagħhom u dan, wara d-data tal-għeluq tat-30 ta' April 2013, minħabba n-natura li qiegħda tinbidel ta' regolamenti stabbiliti bid-Deċiżjoni Nru 377/2013/UE u din il-proposta biex temenda d-Direttiva Nru 2003/87.

Emenda 77
Satu Hassi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) ir-restituzzjoni tal-kwoti tikkorrispondi għall-emissjonijiet ivverifikati tal-2013 minn titjiriet bejn il-pajjiżi taż-ŻEE, li jridu jidħlu fis-seħħ sat-30 ta' April 2015 minflok sat-30 ta' April 2014, u l-emissjonijiet ivverifikati tal-2013 għal dawk it-titjiriet li jridu jiġu rrapportati sal-31 ta' **Marzu 2015 minflok sal-31 ta'** Marzu 2014.

Emenda

(d) ir-restituzzjoni tal-kwoti tikkorrispondi għall-emissjonijiet ivverifikati tal-2013 minn titjiriet bejn il-pajjiżi taż-ŻEE, li jridu jidħlu fis-seħħ sat-30 ta' April 2015 minflok sat-30 ta' April 2014, u l-emissjonijiet ivverifikati tal-2013 għal dawk it-titjiriet li jridu jiġu rrapportati sal-31 ta' Marzu 2014.

Or. en

Emenda 78
Jolanta Emilia Hibner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a - paragrafu 1 - punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(da) l-emissjonijiet minn titjiriet minn u lejn pajjiżi li għadhom qegħdin jiżviluppaw u li s-sehem tagħhom tad-dħul totali ta' tunnelli-kilometri ta' attivitajiet internazzjonali tal-avjazzjoni ċivili huwa inqas minn 1 %.

Emenda

Or. pl

Emenda 79
Françoise Grossetête, Christine De Veyrac, Dominique Riquet

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-emissjonijiet ivverifikati msemmija fil-paragrafu 1(b) u kkalkulati f'konformità mal-Anness IIc għandhom jitqiesu li huma l-emissjonijiet ivverifikati tal-operatur tal-inġenju tal-ajru għall-finijiet tal-Artikoli 11a, 12 u 14.

imħassar

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Tneħħija meħtieġa minħabba l-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva flimkien mat-tħassir tal-Artikolu 28a – paragrafu 1 – punt b.

Emenda 80
Eija-Riitta Korhola

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-emissjonijiet ivverifikati msemmija fil-paragrafu 1(b) u kkalkulati f'konformità mal-Anness IIc għandhom jitqiesu li huma l-emissjonijiet ivverifikati tal-operatur tal-inġenju tal-ajru għall-finijiet tal-Artikoli 11a, 12 u 14.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Hija żejda minħabba li tillimita l-ambitu ta' applikazzjoni tad-direttiva biss għal titjiriet fi ħdan iż-ŻEE fejn jiġi applikat l-obbligu ta' rappurtar normali ta' emissjonijiet.

Emenda 81
Holger Kraemer

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-emissjonijiet ivverifikati msemija fil-paragrafu 1(b) u kkalkulati f'konformità mal-Anness IIc għandhom jitqiesu li huma l-emissjonijiet ivverifikati tal-operatur tal-inġenju tal-ajru għall-finijiet tal-Artikoli 11a, 12 u 14.

imħassar

Or. en

Emenda 82
Martin Callanan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-emissjonijiet ivverifikati msemija fil-paragrafu 1(b) u kkalkulati f'konformità mal-Anness IIc għandhom jitqiesu li huma l-emissjonijiet ivverifikati tal-operatur tal-inġenju tal-ajru għall-finijiet tal-Artikoli 11a, 12 u 14.

L-emissjonijiet ivverifikati msemija fil-paragrafu 1(a) għandhom jitqiesu li huma l-emissjonijiet ivverifikati tal-operatur tal-inġenju tal-ajru għall-finijiet tal-Artikoli 11a, 12 u 14.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għall-finijiet ta' Artikoli 11a, 12 u 14 relatati ma' krediti ta' proġett, it-trasferiment u ċ-ċediment ta' kwoti u l-MRV, l-emissjonijiet ivverifikati għandhom ikunu kunsidrati bħala l-emissjonijiet relatati mal-ambitu mnaqqas.

Emenda 83
Eija-Riitta Korhola

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

2. B’deroga mill-Artikolu 3e(5) u l-Artikolu 3f, operatur tal-inġenju tal-ajru li jibbenefika mid-derogi stipulati fil-paragrafi 1(a) sa 1(c) għandu ***jinhargilu*** għadd ta’ kwoti mingħajr hłas imnaqqsa proporzjonalment skont it-tnaqqis tal-obbligu ta’ restituzzjoni tal-kwoti stipulat f’ dawk il-paragrafi.

Emenda

2. B’deroga mill-Artikolu 3e(5) u l-Artikolu 3f, operatur tal-inġenju tal-ajru li jibbenefika mid-derogi stipulati fil-paragrafi 1(a) sa 1(b) għandu ***jinħariġlu*** għadd ta’ kwoti mingħajr hłas imnaqqsa proporzjonalment skont it-tnaqqis tal-obbligu ta’ restituzzjoni tal-kwoti stipulat f’ dawk il-paragrafi.

Or. en

Emenda 84
Satu Hassi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

2. B’deroga mill-Artikolu 3e(5) u l-Artikolu 3f, operatur tal-inġenju tal-ajru li jibbenefika mid-derogi stipulati fil-paragrafi 1(a) sa 1(c) ***għandu jinhargilu għadd ta’*** kwoti mingħajr hłas ***imnaqqsa proporzjonalment skont it-tnaqqis tal-obbligu ta’ restituzzjoni tal-kwoti stipulat f’ dawk il-paragrafi.***

Emenda

2. B’deroga mill-Artikolu 3e(5) u l-Artikolu 3f, operatur tal-inġenju tal-ajru li jibbenefika mid-derogi stipulati fil-paragrafi 1(a) sa 1(c) ***m’għandhomx jinħarġulu*** kwoti mingħajr hłas.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-settur tal-avjazzjoni jirċievi proporzjon ta' kwoti mingħajr ħlas ħafna ogħla minn setturi oħra taħt l-ETS. L-irċevuta ta' kwoti mingħajr ħlas tant hija ta' benefiċċju li xi operaturi, b'mod volontarju, "ma waqqfux l-arloġġ" fl-2012 sabiex jibqgħu jirċievu l-allokazzjoni sħiħa tal-kwoti tagħhom. Il-linji tal-ajru wkoll għaddew il-prezz sħiħ tal-karbonju lill-konsumaturi, irrISPettivament mill-kwoti li rċeew mingħajr ħlas. Biex titneħħa ftit mill-opportunità eċċessiva għall-qligħ mhux mistenni għandu jitnaqqas l-ambitu tas-sistema.

Emenda 85 **Eija-Riitta Korhola**

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fir-rigward tal-attività bejn l-2013 u l-**2020**, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-għadd ta' kwoti tal-avjazzjoni mingħajr ħlas allokati lil kull operatur minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni: daħħal data **4** xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Emenda

Fir-rigward tal-attività **fis-snin kalendarji** bejn l-2013 u l-**2016**, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-għadd ta' kwoti tal-avjazzjoni mingħajr ħlas allokati lil kull operatur minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni: daħħal data **x** xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-deċiżjoni li "twaqqaf l-arloġġ" kienet waħda ġusta u vitali sabiex jinstab ftehim globali, għaldaqstant din id-direttiva tapplika sa tmiem is-sena 2016, fid-dawl tal-Assemblea tal-ICAO li se tinżamm dik is-sena.

Emenda 86 **Martin Callanan**

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fir-rigward tal-attività bejn l-2013 u l-2020, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-għadd ta' kwoti tal-avjazzjoni mingħajr ħlas allokati lil kull operatur minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni: daħħal data **4** xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Emenda

Fir-rigward tal-attività bejn l-2013 u l-2020, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-għadd ta' kwoti tal-avjazzjoni mingħajr ħlas allokati lil kull operatur minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni: daħħal data **8** xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk il-vettura legali hija Direttiva emendatorja, allura hemm bżonn ta' data ta' skadenza itwal.

Emenda 87

Jolanta Emilia Hibner

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 28a – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni sa tikkalkula l-perċentwal ta' ishma għall-operaturi individwali, espress f'tunnellati-kilometri kif irrapportati fl-2010, li jikkorrispondu għall-emissjonijiet li mhumiex suġġetti għall-eżenzjoni skont il-paragrafu 1(a)-(c). Id-dejta kkalkulata skont dan il-paragrafu għandha tiġi trażmessa lill-Istati Membri permezz biss ta' aġenziji amministrati minn dawk l-Istati.

Or. pl

Emenda 88
Jolanta Emilia Hibner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. B’deroga mill-Artikolu 3d, ***l-Istati*** Membri għandhom ***jirkantaw għadd ta’ kwoti tal-avjazzjoni mnaqqsa*** proporzjonalment skont it-tnaqqis tal-għadd totali ta’ kwoti maħruġa.

Emenda

3. B’deroga mill-Artikolu 3d, ***il-kwoti kollha miġbura flimkien li se jkunu rkantati mill-Istati*** Membri għandhom ***jitnaqqsu*** proporzjonalment skont it-tnaqqis tal-għadd totali ta’ kwoti maħruġa.

Or. pl

Emenda 89
Satu Hassi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. B’deroga mill-Artikolu 3d, l-Istati Membri ***għandhom*** jirkantaw ***għadd ta’ kwoti*** tal-avjazzjoni ***mnaqqsa proporzjonalment skont it-tnaqqis tal-għadd totali ta’ kwoti maħruġa.***

Emenda

3. B’deroga mill-Artikolu 3d, l-Istati Membri ***m’għandhomx*** jirkantaw ***il-kwoti*** tal-avjazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-suq tal-ETS huwa mgħarraġ bi provvista eċċessiva u sakemm l-Istati Membri jaqblu mal-allokkazzjoni tad-dħul għall-iffinanzjar tal-azzjoni klimatika f’pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-irkant tal-kwoti tal-avjazzjoni għandu jkun sospiż.

Emenda 90
Eija-Riitta Korhola

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. B’deroga mill-Artikolu 3d(3), l-għadd ta’ kwoti li jridu jiġu rkantati minn kull Stat Membru fir-rigward tal-perjodu **mill-2013 sal-2020**, għandu jiġi mnaqqas b’tali mod li jikkorrispondi għas-sehem tiegħu ta’ emissjonijiet attribwiti għall-avjazzjoni li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 28(a) sa (c).

Emenda

4. B’deroga mill-Artikolu 3d(3), l-għadd ta’ kwoti li jridu jiġu rkantati minn kull Stat Membru fir-rigward tal-perjodu **mis-snin kalendarji 2013 sal-2016**, għandu jiġi mnaqqas b’tali mod li jikkorrispondi għas-sehem tiegħu ta’ emissjonijiet attribwiti għall-avjazzjoni li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 28(a) sa (c).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-deċiżjoni li “twaqqaf l-arloġġ” kienet waħda ġusta u vitali sabiex jinstab ftehim globali, għaldaqstant din id-direttiva tapplika sa tmiem is-sena 2016, fid-dawl tal-Assemblea tal-ICAO li se tinżamm dik is-sena.

Emenda 91
Jolanta Emilia Hibner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. B’deroga mill-Artikolu 3d(3), l-għadd ta’ kwoti li jridu jiġu rkantati minn kull Stat Membru fir-rigward tal-perjodu mill-2013 sal-2020, għandu jiġi mnaqqas b’tali mod li jikkorrispondi għas-sehem tiegħu ta’ emissjonijiet attribwiti għall-avjazzjoni li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 28(a) sa (c).

Emenda

4. B’deroga mill-Artikolu 3d(3), l-għadd ta’ kwoti li jridu jiġu rkantati minn kull Stat Membru fir-rigward tal-perjodu mill-2013 sal-2020, għandu jiġi mnaqqas b’tali mod li jikkorrispondi għas-sehem tiegħu ta’ emissjonijiet attribwiti għall-avjazzjoni li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 28(a) sa (c) **u (e)**.

Emenda 92
Martin Callanan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. B’deroga mill-Artikolu 3d(3), l-għadd ta’ kwoti li jridu jiġu rkantati minn kull Stat Membru fir-rigward tal-perjodu mill-2013 sal-2020, għandu jiġi mnaqqas b’tali mod li jikkorrispondi għas-sehem tiegħu ta’ emissjonijiet attribwiti għall-avjazzjoni li jirriżultaw mill-applikazzjoni ***tal-Artikolu 28(a)*** sa (c).

Emenda

4. B’deroga mill-Artikolu 3d(3), l-għadd ta’ kwoti li jridu jiġu rkantati minn kull Stat Membru fir-rigward tal-perjodu mill-2013 sal-2020, għandu jiġi mnaqqas b’tali mod li jikkorrispondi għas-sehem tiegħu ta’ emissjonijiet attribwiti għall-avjazzjoni li jirriżultaw mill-applikazzjoni ***tal-paragrafi minn 1(a) sa 1(c) ta’ dan l-Artikolu.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emendat għall-konsistenza mal-emendi li jkopru l-Artikolu 28a, minn paragrafi 1(a) sa 1(c).

Emenda 93
Eija-Riitta Korhola

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. B’deroga mill-Artikoli 3g, 12, 15 u 18a, fejn operatur tal-inġenju tal-ajru għandu t-total annwali ta’ emissjonijiet inqas minn 25000 tonnollata, l-emissjonijiet tiegħu għandhom jitqiesu li huma emissjonijiet

Emenda

5. B’deroga mill-Artikoli 3g, 12, 15 u 18a, fejn operatur tal-inġenju tal-ajru għandu t-total annwali ta’ emissjonijiet inqas minn 25000 tonnollata, l-emissjonijiet tiegħu għandhom jitqiesu li huma emissjonijiet

ivverifikati jekk jiġu ddeterminati bl-użu ta' *għodda ta' emittenti żgħar approvata mill-Kummissjoni u li hija popolata mill-Eurocontrol b'*dejta mill-faċilità ta' appoġġ tal-ETS, u l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw proċeduri ssimplifikati għal operaturi tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali sakemm ma jkunx hemm inqas preċiżjoni minn dik li ttiprovdi din l-għodda.

ivverifikati jekk jiġu ddeterminati bl-użu ta' dejta mill-faċilità ta' appoġġ tal-ETS *tal-Eurocontrol*, u l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw proċeduri ssimplifikati għal operaturi tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali sakemm ma jkunx hemm inqas preċiżjoni minn dik li ttiprovdi din l-għodda.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rwol ta' għodda ta' emittenti żgħar mhuwiex ovvju f'dan il-kuntest peress li r-rapport tal-emissjonijiet jista' jkun irċevut mill-Faċilità ta' Appoġġ tal-ETS jekk it-trasportatur ikollu liċenzja biex juża dak il-programm.

Emenda 94 **Gilles Pargneaux**

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. B'deroga mill-Artikoli 3g, 12, 15 u 18a, fejn operatur tal-inġenju tal-ajru għandu t-total annwali ta' emissjonijiet inqas minn **25000 tunnellata**, l-emissjonijiet tiegħu għandhom jitqiesu li huma emissjonijiet ivverifikati jekk jiġu ddeterminati bl-użu ta' għodda ta' emittenti żgħar approvata mill-Kummissjoni u li hija popolata mill-Eurocontrol b'dejta mill-faċilità ta' appoġġ tal-ETS, u l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw proċeduri ssimplifikati għal operaturi tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali sakemm ma jkunx hemm inqas preċiżjoni minn dik li ttiprovdi din l-għodda.

Emenda

5. B'deroga mill-Artikoli 3g, 12, 15 u 18a, fejn operatur tal-inġenju tal-ajru għandu t-total annwali ta' emissjonijiet inqas minn **25 000 tunnellata wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu**, l-emissjonijiet tiegħu għandhom jitqiesu li huma emissjonijiet ivverifikati jekk jiġu ddeterminati bl-użu ta' għodda ta' emittenti żgħar approvata mill-Kummissjoni u li hija popolata mill-Eurocontrol b'dejta mill-faċilità ta' appoġġ tal-ETS, u l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw proċeduri ssimplifikati għal operaturi tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali sakemm ma jkunx hemm inqas preċiżjoni minn dik li ttiprovdi din l-

għodda.

Or. fr

Emenda 95
Jolanta Emilia Hibner

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. B’deroga mill-Artikolu 12(2a) u l-Artikolu 14(3), għal titjiriet minn u lejn pajjiżi taż-ŻEE, operatur tal-inġenju tal-ajru jista’ jagħżel li ma jirrappurtax id-dejta tal-emissjonijiet bl-użu ta’ perċentwali fl-Anness IIc, sabiex dawk l-emissjonijiet jiġu kkalkulati mill-awtorità kompetenti. Dan il-kalkolu għandu jqis il-figuri mill-għodda ta’ emittenti żgħar approvata mill-Kummissjoni u popolata mill-Eurocontrol b’dejta mill-faċilità tagħha ta’ appoġġ tal-ETS. L-awtorità kompetenti għandha tirrapporta dawk il-kalkoli kollha lill-Kummissjoni. Il-kalkoli tal-emissjonijiet magħmula f’dawn iċ-ċirkostanzi għandhom jitqiesu li huma l-emissjonijiet ivverifikati tal-operatur tal-inġenju tal-ajru għall-finijiet tal-Artikoli 11a, 12, 14 u 28a.

imħassar

Or. pl

Emenda 96
Martin Callanan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 6

6. B'deroga mill-Artikolu 12(2a) u l-Artikolu 14(3), għal titjiriet minn u lejn pajjiżi taż-ŻEE, operatur tal-inġenju tal-ajru jista' jagħżel li ma jirrappurtax id-dejta tal-emissjonijiet bl-użu ta' perċentwali fl-Anness IIc, sabiex dawk l-emissjonijiet jiġu kkalkulati mill-awtorità kompetenti. Dan il-kalkolu għandu jqis il-figuri mill-għodda ta' emittenti żgħar approvata mill-Kummissjoni u popolata mill-Eurocontrol b'dejta mill-faċilità tagħha ta' appoġġ tal-ETS. L-awtorità kompetenti għandha tirrapporta dawk il-kalkoli kollha lill-Kummissjoni. Il-kalkoli tal-emissjonijiet magħmula f'dawn iċ-ċirkostanzi għandhom jitqiesu li huma l-emissjonijiet ivverifikati tal-operatur tal-inġenju tal-ajru għall-finijiet tal-Artikoli 11a, 12, 14 u 28a.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'għadux meħtieġ taħt l-ambitu ta' applikazzjoni taż-ŻEE.

Emenda 97

Françoise Grossetête, Christine De Veyrac, Dominique Riquet

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 28a – paragrafu 6

6. B'deroga mill-Artikolu 12(2a) u l-Artikolu 14(3), għal titjiriet minn u lejn pajjiżi taż-ŻEE, operatur tal-inġenju tal-ajru jista' jagħżel li ma jirrappurtax id-dejta tal-emissjonijiet bl-użu ta' perċentwali fl-Anness IIc, sabiex dawk l-emissjonijiet jiġu kkalkulati mill-awtorità

imħassar

kompetenti. Dan il-kalkolu għandu jqis il-figuri mill-għodda ta' emittenti żgħar approvata mill-Kummissjoni u popolata mill-Eurocontrol b'dejta mill-faċilita tagħha ta' appoġġ tal-ETS. L-awtorita kompetenti għandha tirrapporta daww il-kalkoli kollha lill-Kummissjoni. Il-kalkoli tal-emissjonijiet magħmula f'dawn iċ-ċirkostanzi għandhom jitqiesu li huma l-emissjonijiet ivverifikati tal-operatur tal-inġenju tal-ajru għall-finijiet tal-Artikoli 11a, 12, 14 u 28a.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Tneħħija meħtieġa minħabba l-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva flimkien mat-tħassir tal-Artikolu 28a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 - punt b.

Emenda 98 **Satu Hassi**

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. B'deroga mill-Artikolu 12(2a) u l-Artikolu 14(3), għal titjiriet minn u lejn pajjiżi taż-ŻEE, operatur tal-inġenju tal-ajru jista' jagħżel li ma jirrapportax id-dejta tal-emissjonijiet bl-użu ta' perċentwali fl-Anness IIc, sabiex daww l-emissjonijiet jiġu kkalkulati mill-awtorita kompetenti. Dan il-kalkolu għandu jqis il-figuri mill-għodda ta' emittenti żgħar approvata mill-Kummissjoni u popolata mill-Eurocontrol b'dejta mill-faċilita tagħha ta' appoġġ tal-ETS. L-awtorita kompetenti għandha tirrapporta daww il-kalkoli kollha lill-Kummissjoni. Il-kalkoli tal-emissjonijiet magħmula f'dawn iċ-ċirkostanzi għandhom jitqiesu li huma l-

imħassar

*emissjonijiet ivverifikati tal-operatur tal-
inġenju tal-ajru għall-finijiet tal-
Artikoli 11a, 12, 14 u 28a.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ETS introduċiet sistema ta' MRV għas-settur tal-avjazzjoni fl-Ewropa u lil hinn minnha. L-informazzjoni kienet strumentali għall-operaturi biex inaqqsu l-użu tal-fjuwil.

Emenda 99

Eija-Riitta Korhola

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 28a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. B'deroga mill-Artikolu 12(2a) u l-Artikolu 14(3), għal titjiriet minn u lejn pajjiżi taż-ŻEE, operatur tal-inġenju tal-ajru jista' jagħżel li ma jirrappurtax id-dejta tal-emissjonijiet bl-użu ta' perċentwali fl-Anness IIc, sabiex daww l-emissjonijiet jiġu kkalkulati mill-awtorità kompetenti. Dan il-kalkolu għandu jkollha il-figuri mill-għodda ta' emittenti żgħar approvata mill-Kummissjoni u popolata mill-Eurocontrol b'dejta mill-faċilità tagħha ta' appoġġ tal-ETS. L-awtorità kompetenti għandha tirrapporta daww il-kalkoli kollha lill-Kummissjoni. Il-kalkoli tal-emissjonijiet magħmula f'dawn iċ-ċirkostanzi għandhom jittqiesu li huma l-emissjonijiet ivverifikati tal-operatur tal-inġenju tal-ajru għall-finijiet tal-Artikoli 11a, 12, 14 u 28a.

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-paragrafu huwa żejjed minħabba li jillimita l-ambitu ta' applikazzjoni tad-direttiva biss fi ħdan iż-ŻEE fejn jiġi applikat l-obbligu ta' rappurtar normali.

Emenda 100
Holger Kraemer

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. B'deroga mill-Artikolu 12(2a) u l-Artikolu 14(3), għal titjiriet minn u lejn pajjiżi taż-ŻEE, operatur tal-inġenju tal-ajru jista' jagħżel li ma jirrappurtax id-dejta tal-emissjonijiet bl-użu ta' perċentwali fl-Anness IIc, sabiex dawk l-emissjonijiet jiġu kkalkulati mill-awtorità kompetenti. Dan il-kalkolu għandu jkollha il-figuri mill-għodda ta' emittenti żgħar approvata mill-Kummissjoni u popolata mill-Eurocontrol b'dejta mill-faċilità tagħha ta' appoġġ tal-ETS. L-awtorità kompetenti għandha tirrapporta dawk il-kalkoli kollha lill-Kummissjoni. Il-kalkoli tal-emissjonijiet magħmula f'dawn iċ-ċirkostanzi għandhom jitqiesu li huma l-emissjonijiet ivverifikati tal-operatur tal-inġenju tal-ajru għall-finijiet tal-Artikoli 11a, 12, 14 u 28a.

imħassar

Or. en

Emenda 101
Martin Callanan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

F'każ li miżura globali bbażata fuq is-suq ma tibdix tapplika mill-2020, dak ir-rapport għandu jkoll il-kamp ta' applikazzjoni xieraq għall-kopertura tal-emissjonijiet minn attività minn **u** lejn pajjiżi barra ż-ŻEE **mill-2020** 'il quddiem **fin-nuqqas kontinwu ta' din il-miżura globali**. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll soluzzjonijiet għal kwistjonijiet oħra li jistgħu jinħolqu fl-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4, filwaqt li tippreżerva t-trattament indaqs għall-operaturi kollha fuq l-istess rotta."

Emenda

Dak ir-rapport għandu jkoll **u, fejn xieraq, jagħmel proposti dwar**, il-kamp ta' applikazzjoni xieraq għall-kopertura tal-emissjonijiet minn attività minn **jew** lejn pajjiżi barra ż-ŻEE **mill-2017** 'il quddiem. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll soluzzjonijiet għal kwistjonijiet oħra li jistgħu jinħolqu fl-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4, filwaqt li tippreżerva t-trattament indaqs għall-operaturi kollha fuq l-istess rotta.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Reviżjoni tal-2016 imwettqa mill-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-progress li jsir wara l-Assemblea tal-ICAO fl-2016 u għandha, fejn xieraq, tagħmel proposta ġdida għall-ETS tal-Avjazzjoni.

Emenda 102
Satu Hassi

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

F'każ li miżura globali bbażata fuq is-suq ma tibdix tapplika mill-2020, **dak ir-rapport għandu jkoll il-kamp ta' applikazzjoni xieraq għall-kopertura tal-emissjonijiet minn attività minn u lejn pajjiżi barra ż-ŻEE mill-2020 'il quddiem fin-nuqqas kontinwu ta' din il-miżura globali**. Fir-rapport tagħha, il-

Emenda

F'każ li miżura globali bbażata fuq is-suq **ta' integrità ambjentali ekwivalenti** ma tibdix tapplika mill-2020, **għandha tibqa' fis-seħħ il-possibbiltà li tkun applikata deroga fil-paragrafu 1 punt (ba)**.

Kummissjoni għandha tqis ukoll soluzzjonijiet għal kwistjonijiet oħra li jistgħu jinħolqu fl-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4, filwaqt li tippreżerva t-trattament indaqs għall-operaturi kollha fuq l-istess rotta."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk miżura globali bbażata fuq is-suq ta' integrità ambjentali ekwivalenti ma tkunx implimentata mill-2020, l-ETS tal-UE għall-avjazzjoni għandha tkopri 50 % tat-titjiriet li jidħlu u li joħorġu, ir-regolamentazzjoni tan-nofs l-ieħor għandha tkun ir-responsabbiltà tal-pajjiż l-ieħor.

**Emenda 103
Gilles Pargneaux**

**Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1
Direttiva 2003/87/KE
Artikolu 28a – paragrafu 7 – subparagrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

F'każ li miżura globali bbażata fuq is-suq ma tibdix tapplika mill-2020, dak ir-rapport għandu jkollha ta' applikazzjoni xieraq għall-kopertura tal-emissjonijiet minn attività minn u lejn pajjiżi barra ż-ŻEE mill-2020 'il quddiem fin-nuqqas kontinwu ta' din il-miżura globali. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll soluzzjonijiet għal kwistjonijiet oħra li jistgħu jinħolqu fl-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4, filwaqt li tippreżerva t-trattament indaqs għall-operaturi kollha fuq l-istess rotta.

Emenda

F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha teżamina, u jekk meħtieġ, tagħmel proposti dwar l-estensjoni tal-kamp ta' kopertura tal-emissjonijiet minn attivitajiet ta' u mill-pajjiżi barra ż-ŻEE mill-2017. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll soluzzjonijiet għal kwistjonijiet oħra li jistgħu jinħolqu fl-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4, filwaqt li tippreżerva t-trattament indaqs għall-operaturi kollha fuq l-istess rotta.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Ir-reviżjoni li saret fl-2016 fl-aspetti kollha għandha twassal għal reviżjoni tas-sistema fl-

applikazzjoni tagħha mill-2017, speċjalment f'termini ta' kopertura, abbażi tar-riżultati tal-Assemblea ICAO (u mhux biss jekk mekkaniżmu globali ma japplikax mill-2020).

Emenda 104
Martin Callanan

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) L-Annessi huma emendati kif stabbilit **imħassar**
fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

M'għadux meħtieġ taħt il-kamp ta' applikazzjoni taż-ŻEE.

Emenda 105
Eija-Riitta Korhola

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) L-Annessi huma emendati kif stabbilit **imħassar**
fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhux meħtieġ minħabba li jillimita l-ambitu ta' applikazzjoni tad-direttiva biss għal titjiriet fi ħdan iż-ŻEE.

Emenda 106
Holger Kraemer

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) L-Annessi huma emendati kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

imħassar

Or. en

Emenda 107
Martin Callanan

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw [Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni: jekk jogħġbok daħħal data konkreta – l-aħħar ġurnata **tat-tielet** xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw [Uffiċċju tal-Pubblikazzjoni: jekk jogħġbok daħħal data konkreta – l-aħħar ġurnata **tas-sitt** xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ], il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk il-vettura legali hija Direttiva emendatorja, allura hemm bżonn ta' data ta' skadenza itwal.

Emenda 108
Holger Kraemer

Proposta għal direttiva
Anness
Direttiva 2003/87/KE
Anness IIc

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

[...]

imħassar

Or. en

Emenda 109
Martin Callanan

Proposta għal direttiva
Anness
Direttiva 2003/87/KE
Anness IIc

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

[...]

imħassar

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan l-Anness m'għadux meħtieġ taħt il-kamp ta' applikazzjoni taż-ŻEE.

Emenda 110
Satu Hassi

Proposta għal direttiva
Anness
Direttiva 2003/87/KE
Anness II – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Y = il-parti tad-Distanza Ortodromika tat-titjira ddefinita f'Z bejn l-ajrudrom tal-pajjiżi Membri taż-ŻEE ta' referenza u l-ewwel punt fuq dik ir-rota **12-il** mil nawtiku mill-aħħar punt fil-pajjiżi Membri taż-ŻEE, esklużi ż-żoni ta' pajjiżi terzi u ż-żoni tal-baħar li jinsabu iktar minn 400 mil

Y = il-parti tad-Distanza Ortodromika tat-titjira ddefinita f'Z bejn l-ajrudrom tal-pajjiżi Membri taż-ŻEE ta' referenza u l-ewwel punt fuq dik ir-rota **200** mil nawtiku mill-aħħar punt fil-pajjiżi Membri taż-ŻEE, esklużi ż-żoni ta' pajjiżi terzi u ż-żoni tal-baħar li jinsabu iktar minn 400 mil

nawtiku bejn il-pajjiżi Membri taż-ŻEE.

nawtiku bejn il-pajjiżi Membri taż-ŻEE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-perimetru propost ta' 12-il mil nawtiku huwa artifiċjalment baxx għall-attivitajiet tal-avjazzjoni. 200 mil jirrappreżentaw id-distanza taż-Żona Ekonomika Esklussiva taż-ŻEE.

Emenda 111 **Satu Hassi**

Proposta għal direttiva
Anness 1 – paragrafu 1
Direttiva 2003/87/KE
Anness IIc – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-perjodu bejn l-2014 u **l-2020**, u mingħajr preġudizzju għall-miżura globali bbażata fuq is-suq li tapplika mill-2020, il-perċentwal applikabbli għal titjiriet bejn pajjiżi Membri taż-ŻEE u pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw u li s-sehem tagħhom tad-dħul totali ta' tunnelli-kilometri ta' attivitajiet internazzjonali tal-avjazzjoni ċivili huwa inqas minn 1 %, għandu jkun żero. Il-pajjiżi li huma meqjusa li għadhom qed jiżviluppaw għall-finijiet ta' din il-proposta, huma dawk li fil-waqt tal-adozzjoni ta' din il-proposta bbenefikaw minn aċċess preferenzjali għas-suq tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jiġifieri dawk li fl-2013 ma ġewx klassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi bi dħul għoli jew pajjiżi bi dħul medju superjuri.]

Emenda

Għall-perjodu bejn l-2014 u **l-2016**, u mingħajr preġudizzju għall-miżura globali bbażata fuq is-suq li tapplika mill-2020, il-perċentwal applikabbli għal titjiriet bejn pajjiżi Membri taż-ŻEE u pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw u li s-sehem tagħhom tad-dħul totali ta' tunnelli-kilometri ta' attivitajiet internazzjonali tal-avjazzjoni ċivili huwa inqas minn 1 %, għandu jkun żero. Il-pajjiżi li huma meqjusa li għadhom qed jiżviluppaw għall-finijiet ta' din il-proposta, huma dawk li fil-waqt tal-adozzjoni ta' din il-proposta bbenefikaw minn aċċess preferenzjali għas-suq tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jiġifieri dawk li fl-2013 ma ġewx klassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi bi dħul għoli jew pajjiżi bi dħul medju superjuri.]

Or. en